MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 368/2013

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv numru 2518/13 u fl-atti ta' l-Ittra Ufficjali 1975/13 datata 22 ta' Awissu 2013 mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 fl-ismijiet:

**Simon Sant Fournier (ID 378172M)**

**vs**

**Robyn Greyling**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Robyn Grelying ippresentat fil 25 ta' Novembru 2013 fejn stqarret illi fl-24 ta' Settembru 2013 giet notifikata b-ittra ufficjali 1975/13 ippresentata minn Simon Sant Fournier ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12, ma' liema ittra ufficjali kien hemm traduzzjoni bl-Ingliz peress illi l-esponenti ma tifhimx bil-Malti u ma tafx taqra u titkellem bil-Malti.

Ir-rikorrenti stqarret illi filwaqt li l-verzjoni maltija ta' l-Ittra Ufficjali kienet tghid illi nota ta' risposta kellha tigi ppresentata fl-atti ta' dik l-Ittra Ufficjali, fil-verzjoni Ingliza, t-traduzzjoni kienet tghid biss illi nota ta' risposta kellha tigi ppresentata kif trid il-Ligi.

Ir-rikorrent sahqet ukoll illi bhala rizultat ta’ tali nuqqas, hija ma kienetx taf li kellha taghmel nota fl-atti ta’ l-Ittra Ufficjali u filfatt, l-ghada li rceviet l-Ittra Ufficjali, ossija fit 23 ta’ Settembru 2013, baghtet ittra registrata lill-avukat ta’ Simon Sant Fournier fejn ikkontestat dak minnu mitub.

Ir-rikorrent finalment sahqet illi l-intimat Sant Fournier kien naqas milli jipproduci l-artikolu 5(1) sa 5(4) tal-Kap 189 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In vista ta’ dana kollu, ir-rikorrenti insistiet lli l-Mandat ta’ Sekwestru eventwalment ippresentat nru 2518/13 sar illegalment u in malafede u ghalhekk talbet lill-Qorti tiddikjara illi l-Ittra Ufficjali 1975/13 datata 22 ta’ Awissu 2013 kienet nulla u bla effett ai termini tas-subartikolu 5 tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 u, bhala rizultat, l-effetti ta’ titolu ezekuttiv ta’ l-Ittra Ufficjali kellu jigi rexiss kif ukoll il-Mandat ta’ Sekwestru ippresentat sussegwentement u kwalsiasi flejjes mizmuma zbankati.

Rat l-atti ippresentat mar-rikors kif ukoll l-inkartament ta’ l-Ittra Ufficjali 1975.13 u tal-Mandat ta’ Sekwestru 2518/13.

Rat ir-risposta ta’ l-intimat Simon Sant Fournier ippresentata fid 9 ta’ Dicembru 2013 fejn, apparti eccezzjonijiet preliminari sorvolati waqt il-proceduri, eccepixxa illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi t-traduzzjoni fil-lingwa Ingliza kienet wahda fidila ghal verzjoni Maltija, tant illi fir-risposta taghha r-rikorrenti kienet ammettiet u skuzat ruhha talli ma kenietx baghtet ir-risposta fiz-zmien tletin gurnata. Filwaqt illi sahaq li ma kienx hemm il-htiega li l-artikolu 5 tal-Kap 189 ma jigix ikkwotat peress illi n-notifika saret bil-lingwa Ingliza, l-intimat sahaq illi ‘ignoranza legis neminem excusat’ u ghalhekk r-rikorrenti ma kellha ebda skuza.

Semghet ix-xhieda ta’ Robyn Greyling mogthija bil-lingwa Ingliza fl-24 ta’ Marzu 2014.

Rat illi fis 16 ta’ Gunju 2014, il-partijiet iddikjaraw ili ma kellhomx aktar provi u, wara illi ttrattaw il-kaz, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-intimat ippresenta Ittra Ufficjali kontra ir-rikorrenti fit 22 ta’ Awissu 2013, liema Ittra Ufficjali kienet bil-lingwa Maltij u kopja taghha bil-lingwa Ingliza annessa. Tali Ittra Ufficjali giet notifikata fit 23 ta’ Settembru 2013.

Fl-24 ta’ Settembru 2013, ir-rikorrent baghtet Itta registrata lill-avukat ta’ l-itnimat, fejn infurmatu illi ma kellha taghti xejn lill-intimat Simon Sant Fournier.

Fil-25 ta’ Ottubru 2013 l-Ittra Ufficjali giet reza ezekuttiva peress illi ma dahhlet ebda risposta fl-atti ta’ l-Ittra Ufficjali u fl-1 ta’ Novembru 2013 l-intimat hareg Mandat ta’ Sekwestru esekuttiv lir-rikorrenti li gie notifikat lill-kullhadd salv ir-rikorenti fis 6 ta’ Novembru 2013.

**Ikkunsidrat**

L-ilmenti mressqa mir-rikorrenti fir-rikors promotur huma principalment tnejn, ossija illi l-verzjoni ta’ l-Ittra Ufficjali bil-lingwa Ingliza ma kienetx tghid illi r-risposta kellha tigi ppresentata fl-atti ta’ l-Ittra Ufficjali a differenza ta’ l-Ittra Ufficjali bil-Malti, kif ukoll illi l-intimat kien naqas milli jirriproduci jew jannetti dak pprovdut fl-artikolu 5 (1) sa 5 (4) tal-Kap 189 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ghalhekk ser tikkunsidta dawn iz-zewgt ilmenti separatament.

**Ikkunsidrat**

Dwar l-ewwel ilment, jenhtieg illi jigu ezaminati l-kliem adoperati kemm fl-Ittra Ufficjali bil-Malti u dik Ingliza, partikolarment dik il-parti fejn ir-rikorrenti tghid kien hemm zball.

Fl-Ittra Ufficjali bil-lingwa Maltij, fit-tielet paragrafu taghha, jinghad is-segwenti:

> *“Fl-istess hin qed tigi avzat ghal kull fini u effett tal-precitat Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta illi jekk inti tonqos li twiegeb fi zmien tletin jum minn mindu tigi notifikat bil-prezenti ittra ufficjali, <u>billi tipprezenta nota fl-atti ta’ listess</u>, (sottolinear tal-Qorti) dina l-Ittra Ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv”*

Fl-Ittra Ufficjali bil-lingwa Ingliza, dana il-bran fuq prodott gie tradott kif gej:

> *“You are also being forewarned that should you fail to answer within 30 days from date of notification of this letter by filing a note in terms of Article 166A of Chapter 12 of the Laws of Malta, this judicial letter will be tantamount to an executive title”*

Is-subartikolu 3 tal-Artikolu 166A jipprovdi bl-aktar mod car illi:

> *“L-Ittra Ufficjali ghandu wkoll ikun fiha taht piena ta’ nullita intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jwegibx fi zmien tletin jum mindu jigi notifikat bl-imsemmija ittra ufficjali* ***<u>billi jippresenta nota fl-atti ta’ dik l-Ittra Ufficjali li fiha tigi respinta t-talba</u>*** *... dik l-ittra ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv.”*

Mill-qari u tqabbil ta’ dawna z-zewgt verzjonjiet, jidher car illi l-verzjoni tradotta fil-lingwa Ingliza ma hijiex daqstant fidila daqs kemm jallega l-intimat. Dana qieghed jinghad peress illi jidher car li dik il-parti ta’ l-Ittra Ufficjali bil-Malti illi tghid li r-risposta trid tigi ppresentata fl-atti ta’ l-istess, jigifieri ta’ l-Ittra Ufficjali, hija nieqsa u ghalhekk ir-rikorrenti ma kienetx mgharrfa illi r-risposta kellha tigi ppresentata fl-atti ta’ l-Ittra Ufficjali.

Ghalhekk, tali ilment da’ parte tar-rikorrenti jirrizulta ben ippruvat.

**Ikkunsidrat**

It-tieni ilmenti jirrigwarda l-fatt illi l-intimat naqas milli jirriproduci jew jannetti kopja tad-disposizzjonijiet tas-sub artikoli (1) sa (4) tal-Artikolu 5 tal-Kap 189 meta baghat lIttra ufficjali.

Tali Artikolu 5 jirrigwarda ghar-rigward notifika ta’ l-atti lil xi persuna li jkun hemm raguni li jahseb li jitkellem bl-Ingliz.

Kif jirrizulta mill-provi prodotti, l-intimat, di sup sponte, qabad u baghat kopja tal-Ittra Ufficjalli bil-lingwa Ingliza minnufih. Dana, ghalhekk, iffisser illi ma kellux il-htiega li javza lir-rikorrenti li kellha d-dritt illi tigi notifikat bil-lingwa Ingliza u kellha dritt titlob traduzzjoni bil-lingwa Ingliza, u dana peress illi hija kienet attwalment giet notifikata bil-lingwa Ingliza, ghalkemm il-kontenut ta’ tali Ittra ma kienx daqstant felici.

Ghalhekk, tali ilment tar-rikorrenti ma jregix.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u semghet kemm ix-xhieda tar-rikorrenti u it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-artijiet

Tghaddi u taqta u tiddeciedi billi

Tilqa t-talba attrici in kwantu dak rikjest fl-Artikolu 166A (3) ma giex osservat in toto mill-intimat meta naqas milli jindika fit-traduzzjoni Ingliza minnu maghmulha li r-risposta kellha ssir fl-atti ta’ l-Ittra Ufficjali stess, jigifieri fil-Qorti u ghalhekk

Filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha intimati

Tiddikjara illi t-titolu ezekuttiv ottjenut bl-Ittra Ufficali Nru 1975/13 datata 22 ta’ Awissu 2013 u reza ezekuttiva fil 25 ta’ Ottubru 2013 hija nulla u bla effett, u ghalhekk

Tiddikjara illi il-Mandat ta’ Sekwestru 2518/13 mahrug fil 5 ta’ Novembru 2013 abbazi ta’ tali Ittra Ufficjali huwa null u bla effett u

Jawtorizza lir-rikorrenti johrog il-kontro mandat necessarju fl-atti tal-Mandat ta’ sekwestru 2518/13.

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku ta’ l-intimat.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------